# Vincenzo Dimech u Ħaż-Żabbar

**Dr. Simon Mercieca B.A., B.A. (Hons), M.A., D.E.A. (Sorb.), Ph.D. (Sorb.)**

Ftit naħseb jafu li Vincenzo Dimech kien involut f'xogħol ta' skultura ġewwa l-Knisja ta' Ħaż-Żabbar. Karmenu Bonavia kien għamel aċċenn għal dan ix-xogħol f'artiklu li kiteb, interessanti ħafna, f'*Leħen is-Santwarju*, No. 82, Festa Settembru 1996. L-isem tal-artiklu kien 'l-Altar Maġġur u l-Kor'. Dwar Vincenzo Dimech, Bonavia kien kiteb hekk: "*Fit-8 ta' Ġunju 1792, naturalment wara li tlesta l-artal bl-irħam l-iskultur magħruf Vincenzo Dimech ħadem weraq u mazzettuni għal dan l-artal*" (p.24).

Dokument li hemm il-Kurja jikkollabora din l-informazzjoni u jagħti aktar dettalji dwar ix-xogħol li kien sar fuq dan l-artal. Anzi juri li dan Dimech kien ħadem dan ix-xogħol qabel din id-data. In fatti, kien lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, meta l-prokuratur tal-*Veneranda Lampada* ta' Ħaż-Żabbar qabbad lil Vincenzo Dimech biex jagħmel xogħol ta' skultura u induratura fuq l-altar maġġur. F'dik il-ħabta, l-altar maġġur ta' Ħaż-Żabbar kien għadu kif sar tal-irħam. Skont dokumenti li hemm fil-Knisja ta' Ħaż-Żabbar, marbuta mal-ktieb tal-*Veneranda Lampada*, jiġifieri r-reġistru tal-Knisja li fih kienu jiġu rreġistrati d-dħul u l-ħruġ ta' flus ta' din l-istituzzjoni, li kienet responsabbli mill-ħlasijiet ta' dan l-artal, insibu li l-ġbir għal dan l-artal kien ilu għaddej. F'paġna 12, hemm referenza għall-ġbir li kien sar għal dan l-artal mill-bejgħ tal-qoton fis-sena 1790.

Il-prokuratur responsabbli minn dan ix-xogħol kien qassis u kien jismu Dun Ġużepp Briffa. Skont l-istess reġistru tal-*Veneranda Lampada*, li l-isem tiegħu eżatt hu *Libro dell'Introito ed Esito e Conti della Veneranda Lampada di Casal Zabbar da Novembre 1783 fine Marzo 1973*, Dun Ġużepp Briffa serva bħala Prokuratur tal-*Veneranda Lampada* ta' Ħaż-Żabbar bejn is-snin 1783 u 1793 (p.72-79). Fi kliem ieħor, dan il-volum ikopri s-snin kollha tal-ħidma tiegħu bħala prokuratur ta' din l-istituzzjoni.



*L-att li fuqu nbena dan l-istudju. Dan l-att hu meħud mill-Atti Ċivili tal-Kurja.*

Skont dokument li hemm il-Kurja, dan l-artal tal-irħam ħa post artal ieħor li jidher li kellu partijiet tiegħu tal-injam. Dan nafuh minn dan l-istess l-att li kien irreġistrat il-Kurja tal-Arċisqof li f'dik il-ħabta kienet il-Belt. Dan l-att hu magħruf bħala Att Ċivili. Ġibidli l-attenzjoni għal dan l-att Lorenzo Zahra. Jinsab fir-reġistru Numru 151, f. 339. Meta wieħed jitkellem dwar Atti Ċivili, ikun qed jitkellem dwar serje ta' dokumenti jew aħjar deċiżjonijiet meħuda mill-Kurja, eżattament mill-Qorti tal-Isqof li kienet tieħu ħsieb kawżi ċivili marbuta mal-Knisja. Kien żmien meta f'Malta kien hawn aktar minn qorti waħda. Il-Knisja stess kellha aktar minn qorti waħda. Kellha dik kriminali u dik ċivili. Fil-qorti kriminali kienu jiġu deċiżi reati magħmula minn membri li kienu jaqgħu direttament taħt l-isqof, bħal ma kienu l-qassisin, is-seminaristi u l-kjeriċi. Dawn ir-reati kienu jvarjaw minn



*Ritratt hu meħud mill-Liber Defunctorum tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u fih hemm imniżżla l-mewt ta' Dun Ġużepp Briffa.*

serq jew xi delitt aktar gravi bħal qtil jew anki xi atti fosthom ta' natura sesswali. Fiċ-ċivili kienu jaqgħu kawżi ta' natura mhux mal-kważi kriminali bħalma kienu dawk marbuta ma' ħlasijiet jew pagamenti mhux imħallsa jew djun magħmula minn membri li kienu jaqgħu taħt l-isqof. Dan kienu jaqgħu taħt id-diċitura "alario" li kienet kelma Latina li tfisser flus jew it-teżor. Il-kelma teżor hawn qed tintuża bħalma għandna nsibuha wżata fil-Malti għall-Ministeru tal-Finanzi. Imbagħad kien hemm it-tribunal taż-żwieġ li kellu ħafna sezzjonijiet. Il-qrati tal-isqof tneħħew mill-Ingliżi fl-1828, biss il-Knisja kienet żammet il-qorti taż-żwieġ, waqt li ċ-ċensuri li l-Knisja setgħet tibqa' tagħmel kienu biss ta' natura spiritwali u mhux aktar temporali. Jiġifieri żammet id-dritt li toħroġ skomuniki, iżda ma setgħetx titfa' persuni l-ħabs jew tordna ħlasijiet f'każijiet li jikkonċernaw kawżi ta' natura ċivili jew kriminali.

Dan il-każ imur għall-aħħar żmien tal-kavallieri f'Malta. Kien żmien meta dawn it-tribunali tal-Knisja kienu għadhom jiffunzjonaw. Fl-Atti Ċivili tal-Kurja ma jkunx hemm il-proċess, iżda biss tiġi reġistrata s-sentenza mogħtija dwar il-proċess li jkun sar. Permezz ta' dan l-att partikolari, insiru nafu li l-iskultur Vincenzo Dimech kien għamel dan ix-xogħol ta' skultura u induratura fuq l-altar maġġur tal-Knisja ta' Ħaż-Żabbar. Eżattament, ix-xogħol sar fuq l-iskannell tiegħu. Din kienet f'dik parti, speċi ta' xkaffa li wieħed jara fuq wara tal-altari l-qodma. Għada tidher fuq l-altar maġġur ta' Ħaż-Żabbar. Fuqha jitpoġġew il-gandlieri. Jidher li ta' dan ix-xogħol, Vincenzo Dimech kien għad fadallu jieħu erbatax-il skud. Parti mill-ħlasijiet kienu dawk li jieħu l-injam tal-iskannell il-qadim. Għal xi raġuni jew oħra, il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada* ma riedx iħallsu jew aħjar jagħtih il-kumplament tal-ħlas. Skont dan id-dokument, il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada* kien qed joġġezzjona għat-tip ta' xogħol li kien għamel Dimech. Il-*Veneranda Lampada* kien dik l-istruttura fil-Knisja li fil-passat kienet tieħu ħsieb il-ħlasijiet kollha marbuta mal-altar maġġur, mal-festi marbuta miegħu u max-xogħlijiet ġenerali li kienu jsiru fil-Knisja.

Kif rajna, il-prokuratur kien is-Sinjur, Don Giuseppe Briffa. F'dan il-każ il-prokuratur kien qassis. Biss kien hemm perjodi, fejn kontra dak li wieħed jaħseb, f'numru ta' knejjes kien isib prokuraturi li ma kinux qassisin. Il-lajċi kienu involuti sew u kien ikollhom rwol ċentrali fl-amministrazzjoni tal-Knisja indipendentament mill-kappillan. Huma kienu jaħdmu fi struttura bħalma kienet il-*Veneranda Lampada*. Bħala prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, Briffa kien jaħdem indipendentament mill-kappillan. Kif kien jiġri dejjem, meta kien ikun hemm xi problema marbuta ma' ħlasijiet fuq ix-xogħol magħmul minn artisti jew haddiema oħra, kienu jitqabbdu l-periti, biex jiġġudikaw ix-xogħol li jkun sar. Xi drabi dawn il-periti kienu saħansitra jitniżżlu fil-kuntratti li l-prokuraturi jagħmlu mal-artisti. Jiġifieri meta kien isir kuntratt quddiem xi nutar dwar xogħol artistiku fil-knejjes, il-prokuraturi kienu jniżżlu li huma jħallsu biss wara li jsir ix-xogħol u wara li periti jkun raw u ċċertifikaw li x-xogħol sar skont is-sengħa.

F'dan il-każ, ix-xoghol sar skont is-sengha. Il-periti iċċertifikaw li sar sewwa. Ghal xi raġuni jew ohra, Briffa ma riedx ikompli jhallas. B'hekk Vincenzo Dimech mar il-qorti tal-isqof biex jithallas. Kienet kawża dwar il-flus kif l-istess titlu, 'alario' jindika. Is-sentenza inghatat f'April 1792. B'hekk nafu li sa dak ix-xahar, l-altar maġġur ta' Haż-Żabbar kien lest. Kontra dak li jiġri llum, dawn il-kawżi ma kinux jiehdu fit-tul biex jinqatghu. Fil-18 ta' April 1792 il-qorti tat is-sentenza wara li kienet ordnat lil Briffa biex jidher quddiemha fil-ftuh jew ahjar fl-ewwel jum tas-sena ġuridika tal-qorti tal-Knisja, jiġifieri fl-ewwel ġurnata tas-sena forensi. Taghtu l-hin, bejn id-disgha u l-ghaxra ta' filghodu. Is-sentenza kienet favur Dimech. B'hekk Briffa ġie ordnat li jhallsu u jekk ma kienx se jhallsu l-istess Qorti qaltlu li hu kien se jkun "incontumaccia", jiġifieri se jiġi f'disprezz mal-qorti. Mill-ktieb tal-*Veneranda Lampada* ta' Haż-Żabbar, nafu li Dimech kien thallas fit-8 ta' Ġunju ta' dik l-istess sena.

Dan il-każ, bhal hafna ohrajn ixejjen ċertu perċezzjonijiet żbaljati li qed jinbnew riċentament minn persuni li ma jifhmux fl-istorja u jiktbu li dawn il-qrati tal-Knisja kienu korrotti u mhux serji. Hawn ghandna każ fejn l-akkużat kien qassis. Il-kawża kontra tieghu nfethet minn artist talli ma hallasx. Il-qorti ekkleżjastika ma kellhiex problema taghti raġun lill-iskultur, la darba kellu raġun, u tordna lil dan Briffa biex ihallas.

Dun Ġużepp Briffa miet iż-Żejtun matul l-imblokk tal-Franċiżi. Matul dan l-imblokk, Haż-Żabbar bata hafna u kien milqut mill-balal tal-kanuni tal-Franċiżi. Numru ta' Żabbarin marru jsibu refuġju fiż-Żejtun. Briffa jidher li kien wiehed minnhom. Skont il-*Liber Defunctorum*, volum IV, ta' Haż-Żabbar, Briffa miet nhar is-16 ta' Marzu 1799 ġewwa ż-Żejtun. Il-ġisem mejjet tieghu kien trasportat lejn Haż-Żabbar fl-istess ġurnata li fiha miet. Hu ġie midfun fil-qabar tal-qassisin li hemm fil-kripta tal-istess Knisja Parrokkjali ta' Haż-Żabbar. L-att tal-mewt jaghtina dettall interessanti. Jghidilna li missieru kienu jismu Andrea u li kien mejjet. Briffa miet fl-età ta' madwar 63 sena. Fuq kollox, jurina kif il-Maltin kienu jharsu lejn il-hakma Franċiża. L-att tal-mejtin jiddeskrivi din il-hakma bhala ż-żmien 'tal-persekuzzjoni Franċiża' jew 'persecutionem Galliorum'!!! Naghlaq billi nirringrazzja lis-Sur Michael Buhagiar li minghajr l-ghajnuna tieghu ma kontx inkun f'pożizzjoni li nlesti dan l-artiklu. Is-Sur Buhagiar ġibidli l-attenzjoni ghal dokumenti interessanti dwar dan il-fatt li jinsabu fil-Parroċċa ta' Haż-Żabbar.

Dan li ġej huwa transliterazzjoni tad-dokument li hemm fl-atti ċivili tal-Kurja.

Alario

D[ett]o ordine nostra[no] ad istanza di Vincenzo Dimech cont[ro] il Rev[erendo] Sig[nore] D.[on] Giuseppe Briffa qual Procuratore delle Lampade del Zabbar con comparire in questa G[ran] C[orte] nel primo giorno giuridico che immedi[atamente] seguita dopo l'occazione della p[rese]nte dalli ore 9. dalle 10. di mattino ed di veder condanna per pagare all'istante la somma di scudi quattordici dovatagli per compimento d'altare maggiore per ragion dell'induratura e scultura fatta nello scannello della Par[rociale] Chiesa del Zabbar ai proc[urator]e ripelta dalla relazione dei periti; Salvo al dritto di domandare quello aq[ua]li e' dovuto per la legname a quale effetto s'obiettarsi l'opportuno decreto anche incontamacia

Ed exscritto reg[istra]to nella Val[letta]

A. Agius Azz[opardi]
Die XVIII Aprilis 1792, R. Gio. M. Deguara